**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

**17ta' Marzu 2025**

Il-laqgħa numru 13 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-17 ta' Marzu fi 17.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **13** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **13.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm korrezjoni tal-minuti.<br><br>Dawn ġew iffirmati mis-sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv u minn Reno Bugeja bħala proponenet u Matthew Bugeja bħala sekondant. |
| | |
| | |
| **13.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 13.2.1 | Is-Sindku informa li l-ewwel item kien ser iħalliħ għal aktar tard għax dan kien jorbot ma affarijiet oħra. |
| 13.2.2 | Is-Sindku informa li kellu laqgħa l-OPM mas-Sur Mark Mallia, u filgħaxija dak in-nhar stess mal-Prim ministru. F'dawn il-laqgħat hu tkellem fuq l-ilmenti kollha li għandu l-kunsill fosthom il-Masterplan, in-naħa tas-silġ u Triq tat-tempji, carpark, Barumbara, tal-mgħaluq, Camping zone u oħrajn. |
| 13.2.3 | Is-Sindku qal li id-DES u Hu kellhom laqgħa ma' l-On. Chris Bonnet u miegħu reġa' iddiskuta l-masterplan, il-boat trips, il-barumbara, il-carpark, tal-magħluq kif ukoll Triq Melqart, il-ħard standing ta' Port Ruman kif ukoll il-pontoons li qed jiġu issuġeriti ħdejn il-powerstation. |
| 13.2.4 | Fl-10 ta' Marzu is-Sindku informa li hu, il-kunsillier responsabbli mis-sajd kif ukoll id-DES kienu mistiedna t-Torri ta' San Luċjan fejn daru mal-faċilita. Ic-CEO ippreżenta ukoll bosta proġetti fosthom li jixtiequ jieħdu l-hard standing fejn il-kunsill qed jippjana l-ġnien. Is-Sindku qal li hu informa b'dan lic-CEO u qallu ukoll li l-kunsill ma' kienx kontra l-proġett imma hekk irid jista' juża l-area tas-Siċċa għax ikun eqreb tal-baħar kif ukoll il-post hu ikbar. L-area fejn qed jiġi propost il-ġnien ma kienetx kbira biżżejjed skond il-fehema tas-sindku u ta' Reno.<br><br>Is-Sindku qed jipproponi li għanda issir stqarrija fuq il-ġnien. Fuq dan kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| 13.2.5 | Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva email mingħand operatur tal-laneċ tat-turisti li kien qed jitlob għal umbrella minħabba xemx. Is-Sindku qal li hu jħoss li din it-talba ma tistax tiġi aċċettata għax b'hekk ser jerġgħa jkun hemm ix-xatt kollu umbrelel u affarijiet. Għalhekk is-sindku kien qed jissuġġerixxi li issir bħalma sar fiż-Żurrieq fejn saret venda. F'Marsaxlokk kien hawn kejk u minnu ried jiekol kulħadd. Kien hemm suġġeriment ukoll li issir sistema hybrid fejn ikun hemm ticket booths minfejn jinqatgħu it-tickets. B'hekk ħadd ma kellu għalfejn joqgħod fix-xemx. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha.<br><br>Matthew qal li bħala kunsill naqblu li ħadd m'għandu jkun fix-xemx u għalhekk intgħalbet informazzjoni fuq il-ħoloq u operaturi lil TM imma sal-lum din għada ma waslitx. Għalhekk kellha tintbagħat email lil TM.<br><br>Daniel saqsa x'ser jiġri f'każ li ma jirrispondux, is-sindku wieġeb li l-aħjar imbagħad ikun hemm stqarrija uffiċjali mill-kunsill. Is-sindku propona u l-Kunsilliera kollha qablu li ser jingħata ultimatum lill-TM u jekk il-Kunsill jibqa mingħajr tweġiba il-Kunsill kien ser imexxi bi stqarrija lill-media fuq din il-kwistjoni. |
| 13.2.6 | Is-Sindku qal li waqt l-attivita tal-karnival, tal-monti kienu ipparkjaw dritt u mhux fishbone u xatt kien aktar organizzat. Għalhekk kien qed jissuġġerixxi li jitneħħa l-fishbone parking. Is-Sindku qal ukoll li il-kunsill kien qabbad perit sabiex jipprepara dokumenti għat-Triq bejn il-Pitch u Torri sabiex tiddaħħal għal proġett Vjal Kulħadd.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil. |
| 13.2.7 | Is-Sindku qal li kienu intbgħatu diversi emails fuq il-flus dovuti mill-ministeru tat-Turiżmu ħabba l-proġett tal-Magħluq. S'issa dawn il-flus għadhom ma ngħatawx lil Kunsill. Is-Sindku u DES ser ikunu qed jiltaqgħu mal-ministru konċernat. |
| 13.2.8 | Is-Sindku informa ukoll li kien twaqqaf is-sotto kumitat għal Delimara u l-ewwel laqgħa tiegħu saret is-sibt li għadda. Dan il-kumitat hu kompost minn sitt persuni u Sindku. |
| | |
| **13.4** | **Mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| | Miriam saqsiet hekk il-kunsill jistgħax jaġġorna r-reserved parking ta' dawk li kienu ħallew din id-dinja. Is-Sindku qal li ser issir |

| | |
|---|---|
| | Miriam staqsiet ukoll hekk il-bollards li qed isiru ħdejn il-garaxxijiet kienux qed isiru mill-Kunsill. Is-sindku wieġeb li le.<br><br>Miriam staqsiet hekk jistax isir il-bus shelter ta' l-istage li jismgħu Abdusir fi Triq Tas-Silġ. Is-Sindku qal li kien se jitkellem mal-AKL<br><br>Miriam staqsiet hekk jistgħux jiġu tranġati l-parking bays ta Triq iż-Zejtun. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja<br><br>Daniel saqsa hekk kienx hemm risposta fuq tat-taxis u sindku wieġeb li le<br><br>Daniel saqsa ukoll meta ser isiru l-ispeedhumps Triq Melqart u Triq Axtart. Is-sindku wieġeb meta titlesta il-biċċa ta' isfel<br><br>Daniel saqsa ukoll hekk il-kunsill japplikax għal bozoz ġodda. Is-Sindku wieġeb li iva l-kunsill japplika imma bħalissa Enemalta m'għandomx nies biżżejjed.<br><br>Matthew saqsa fuq il-ħadid li kellu jsir max-xatt bi prova. Is-Sindku qal li ġew jieħdu survey imma s'issa ma kienx hemm risposta. |
| **13.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku (kont)** |
| 13.2.9 | Is-Sindku informa li kien stieden l-żviluppaturi tal-Sans Souci sabiex jispjegawlna fuq l-applikazzjoni li għamlu mal-PA. Il-Perit beda billi jgħid li fil-1994 kien hemm diġà permess mill-PA għal hotel. Il-Kumpanija kienet ser tonfoq ħafna flus fuq ir-restawr, u l-bini kien ser ikun qed jikkumplimenta ż-żona. Il-Perit qal li fil-pjan huma xtaqu li kulħadd jigwadanja minn dan l-żvilupp u jkun hemm kmamar kollha bil-veduti kif ukoll top Service. Il-bija ser tibqa kif inhi u l-estenzjoni kinet ser tirrispetta l-importanza tal-binja.<br><br>Fuq quddiem kien hemm l-arkati li ser jerġgħu jiġu tranġati. Kien hemm qanpiena li ser terġa tiġi mpoġġija f'posta avolja l-oriġinali kienet insterqet. Is-sit fih 20 tomna ta' art li se jerġgħu jiġu żviluppati għal art agrikola billi l-anzjani jkunu jistgħu ikabbru ħxejjex u frott. Mhux ser ikun hemm tennis courts u b'diskussjoni ma SCH l-żvilupp ser ikun limitat. Ser ikun hemm 3 sulari ta' parkeġġ li jkun jista' jiġi utilizzat minn kulħadd.<br><br>Is-Sindku qal li sabiħ li l-faċċata ssir bħalma kienet. Bħala kunsill għanda xewqa li l-iżvilupp kollu li jsir, l-aperturi tiegħu ikunu bil-kuluri tradizzjoniali. Il-Perit wieġeb li qed issir riċerka ta' kif kienu l-oriġinali u ser isiru hekk. Matthew qal li fuq l-applikazzjoni li kien hemm sottomessa mal-PA il-pjanti ma kienux dawk li intbgħatu lill-kunsilliera. Il-Perit qal li dawn ser jerġgħu jiġu sottomessi lill-PA. Matthew kompla jgħid li dar tal-anzjani hi bżonn u magħhom huma wkoll bżonjużi l-faċilitajiet sportivi li din ser iġġib magħha. Saqsa ukoll hekk l-arkiterettura tal-extension tistax tiġi aktar viċin dik oriġinali u x'kien hemm maħsub bħala traffic calming measures? Matthew saqsa ukoll lill-perit hekk |

| | |
|---|---|
| | kienx ser isir xi landscaping.<br><br>Il-Perit wieġeb li bħalissa dan kien outline permit mal-PA fejn il-PA tigwidak hekk hux ser ittik il-green light għal permess komplut jew le. Għalhekk kien għad irid isiru studju ta traffic impact. Id-Disinn tal-binja l-ġdida hu li kien dejjem dieħel il-ġewwa sabiex l-għajnejn dejjem jeħduk fuq il-binja l-antika. Ser tintuża ukoll il-ġebla tal-franka mal-faċċati kollha. Matthew saqsa ukoll hekk il-pjanti jistgħux jiġu tranġati sabiex jinkludu l-qanpiena li kien semma l-perit qabel. Il-perit qal li din m'għandix tkun problema.<br><br>Daniel saqsa hekk hux possibbli li jsir render ħafif. Il-Perit wieġeb li malli jkun hemm full development permit dan jintbgħat mill-ewwel il-Kunsill. |
| 13.2.10 | Is-Sindku qal li stieden lil perit Malcolm Cachia sabiex jitkellem fuq Masterplan għal Marsaxlokk. Il-Perit Cachia qal li xi 10 snin ilu beda jaħdem fuq masterplan għal Marsaxlokk kif ukoll bnadi oħra fin-nofsinhar ta' Malta. Il-Vantaġġi tal-masterplan hu li kull deċiżjoni li ttieħed triq tkun taqbel ma' dak li jgħid il-masterplan. F'dan il-masterplan iħares lejn traffic management, parkeġġi, zoni urbani u oħrajn. Steve qal li xewqa tiegħu hi li jsir masterplan għax-xatt u norganizzawh, imma Daniel kien dejjem isostni fuq masterplan ħolistiku għal Marsaxlokk kollu. Il-Perit semma' li hu kien involut fil-masterplan tax-xatt. Elementi li jiġu inkulżi huma faċilitajiet sportivi, masterplan tax-xatt, delimara ecohub, bajjiet, sajjied u l-interessi kollha li hawn f'Marsaxlokk.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsill li jsir il-masterplan sakemm insibu fondi għalih.<br><br>Matthew talab li l-pjanti jiġi ittranġati ħalli ma jinħoloqx blank wall ġdid li jkun jidher meta wieħed isuq minn naħa taż-Żejtun, direzzjoni Marsaxlokk. Il-Perit wieġeb li ser ikun qiegħed jiddiskuti dan mal-Planning Authority. |
| 13.2.1 | Is-Sindku qal li fil-25 ta' Frar hu kien attenda għal laqgħa organizzata mill-AKL flimkien mal-istaff tal-kunsill. F'din il-laqgħa kien ġie spjegat f'aktar dettal il-ftehim kollettiv il-ġdid. Għaldaqstant kien ser ikun hemm tibdil fl-iskali tal-ħaddiema klerikali. Persuna li kienet skala 16, ser tkun tista' titla' għal skala 15 wara li tgħamel kors maħruġ mill-AKL u b'hekk tkun tista' tavvanza aktar. Persuna li qiegħda skala 15 ser titla' għal skala 14 bl-assimilzzjoni u ser tkun tista' tavvanza sa skala 13. Wara tkun trid tgħamel il-kors maħruġ mill-AKL sabiex tkun tista' tavvanza skala 12.<br><br>Ħaddiema klerikali oħra kienet telqegħet u minfloka qed taqdi bħala Front Office /Customer Care persuna mibgħuta mid-DLG. L-assistent prinċipal kienet qed taħdem reduced hours u issa kienet se tiġi skala 9. Il-kunsilliera qablu li l- |

| | |
|---|---|
| | assistent prinċipal kellha terġa' tibda taħdem full time, u dan peress li kien hemm ammont ta' sigħat ta' overtime li kien qed jiġi maħdum li jammontaw għal ħin full time. Id-DES qalet li hi diġà saqsiet lill-assistent prinċipal sabiex tkun full time imma din ma ridetx. Għalhekk il-kunsill qabel li l-assistent prinċipal għanda tiġi full time u meta jkollha bżonn taħdem inqas tapplika għal unpaid leave. |
| 13.2.11 | Is-Sindku informa li tender ta' Sqaq Busbesi kien evalwat u għalhekk stieden lil Matthew Bugeja sabiex jgħati aktar informazzjoni. Matthew qal li kien hemm 2 offerti, waħda minn S Spagnol Ltd u oħra minn Barbros Ltd. L-istima tal-perit tal-kunsill kienet ta' Euro 67,244 ex VAT u l-offerta tal-ewwel kumpanija kienet ta' Euro 52,660 ex VAT, u din tat-tieni kumpanija kienet ta' Euro 115,444 ex VAT. Waqt l-evalwazzjoni ġie innotat li Barbros Ltd ma sottomettix dokument sew u allura intgħalab kjarifika. Din il-kjarifika intbgħatet imma dokument ma kienx kif intalab mil-bord ta' evalwazzjoni. Għaldaqstant, S Spagnol Ltd kien l-unika offerent li kien compliant.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera. |
| **13.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | L-iskeda tal-pagamenti u petty cash ġiet approvata bil-proponent ikun Daniel u Sekondant Reno |
| | |
| **13.3** | **Skemi Maħruġa Mid-DLG – Tieni Parti** |
| **13.3.1** | **Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali SPI/SCI/06/2025** |
| | Id-DES spjegat li minn din l-iskema kull kunsill Lokali ser ikun jista' jibbenefika minn fond sa massimu ta' Euro 30,000 inkluż il-VAT. Dan l-ammont hu 85% tal-ispiża rikjesta. Il-Kunsill hu obbligat li joħroġ id-differenza ta' 15%. Il-kunsill qabel li idur ix-xquq fil-pavimentar tax-xatt u l-pjazza. |
| **13.3.2** | **Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità** |
| | Id-DES spjegat li din l-iskema hi immirata sabiex il-kunsilli lokali jkunu f'pożizzjoni aħjar li jwettqu proġetti li jgħinu l-komunitajiet tagħhom ikunu aktar b'saħħithom u ta' kwalita'. Għal din l-iskema hemm allokati sa massimu ta' Euro 100,000 inkluż il-VAT li tammonta għal 85% tat-total. Il-kunsill irid joħroġ id-differenza ta' 15%. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għal din l-iskema għanda tinkludi l-ipjanar tal-Masterplan ħolistiku għal Marsaxlokk u l-implimentazzjoni tal-ġnien. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha. |
| **13.3.3** | **Finanzjamnet Karnival 2026** |

| | |
|---|---|
| | Id-DES spjegat li din l-iskema hi ibbażata fuq attivita' għal perjodu tal-karnival li ser ikun 13 ta' Frar 2026 u 17 ta' Frar 2026. Għal din l-attivita l-kunsill seta' jibbenefika minn massimu ta' Euro 5000 inkluż il-VAT. L-Kunsill qabel li dawn il-flus kellhom jintużaw għal attivita' li ssir il-Ħadd tal-Karnival fil-pjazza ta' Marsaxlokk. |
| | |
| **13.7** | **Konsulent għal Kunsill** |
| | Is-Sindku spejga li qed jinħass il-bżonn ta' persuna indipendenti li tirrappreżenta l-kunsill f'tenders, evaluation boards, konsultazzjoni, u dak li jkun hemm bżonn. Is-Sindku qal li hu kien qed jissuġġerixxi lis-Sur Duncan Hall għal dan l-irwol, peress li hu kien ex segretarju eżekuttiv f'Marsaxlokk u kien jgħix hawn ukoll. Is-Sur Hall kien qed diġà jgħin ftit il-Kunsill senza interessi.<br><br>Il-Kunsill qabel fuq kuntratt għal sentejn. |
| | |
| | Peress li kien sar il-ħin il-Kunsill iddeċieda li l-item li kien għad fadal jiġi diskuss f'laqgħa oħra ta' kontinwazzjoni. |
| | Għalhekk il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu fl-16.30 fil-binja tal-kunsill |

Konfermati, illum 10 ta' April, 2025.

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

M. Ż...

***Proponent***

***Sekondant***